II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1017

tal-15 ta' April 2021

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(7) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([2]), b'mod partikolari l-Artikoli 6(3) u 7(3) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont ta' pagamenti diretti li jingħataw lill-bdiewa għal sena kalendarja partikolari, skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament, għall-inqas b'5 % għall-parti tal-ammont li taqbeż EUR 150 000. F'konformità mal-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament, il-prodott stmat ta' dak it-tnaqqis għandu jsir disponibbli bħala appoġġ addizzjonali għall-miżuri li jaqgħu taħt l-iżvilupp rurali.

(2) F'konformità mal-Artikolu 11(6), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni sad-19 ta' Frar 2021 bid-deċiżjoni tagħhom dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-pagamenti diretti u tal-prodott stmat riżultanti tat-tnaqqis għas-sena kalendarja 2021. In-notifiki tal-Bulgarija, taċ-Ċekja, tad-Danimarka, tal-Estonja, tal-Irlanda, tal-Greċja, ta' Spanja, tal-Italja, tal-Latvja, tal-Ungerija, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tas-Slovakkja u tal-Finlandja indikaw stima akbar minn żero.

(3) F'konformità mal-Artikolu 14(1), is-seba' subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, il-Latvja u n-Netherlands innotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu disponibbli, bħala appoġġ addizzjonali ffinanzjat taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) fis-sena finanzjarja 2022, ċertu perċentwal tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom għas-sena kalendarja 2021.

(4) F'konformità mal-Artikolu 14(2), is-seba' subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Kroazja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu disponibbli, bħala pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2021, ċertu ammont mill-allokazzjoni tal-FAEŻR tal-2022 tagħhom.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

(5) Għaldaqstant, huwa meħtieġ li l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jiġu adattati biex il-limiti massimi nazzjonali annwali u l-limiti massimi netti annwali għall-pagamenti diretti jirriflettu d-deċiżjonijiet meħuda mill-Bulgarija, miċ-Ċekja, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Irlanda, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Kroazja, min-Netherlands, mill-Polonja, mill-Portugal, mis-Slovakkja u mill-Finlandja. Huwa meħtieġ ukoll li l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jiġi adattat sabiex it-tqassim annwali skont l-Istat Membru tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali jirrifletti ugwalment dawk id-deċiżjonijiet.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jiġu emendati skont dan.

(7) Peress li l-emendi magħmula b'dan ir-Regolament għar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jaffettwaw l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għas-sena 2021, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment f'waqtu tal-limiti massimi baġitarji applikabbli għall-ċerti skemi ta' appoġġ dirett, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u dawk l-emendi jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma emendati f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Fil-Parti Tnejn tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, il-kolonna għall-2022 hija sostitwita b'dan li ġej:

	"2022
Il-Belġju	82 800 894
Il-Bulgarija	284 028 644
Iċ-Ċekja	267 027 708
Id-Danimarka	136 972 060
Il-Ġermanja	1 387 301 738
L-Estonja	88 031 648
L-Irlanda	311 641 628
Il-Greċja	651 537 600
Spanja	1 081 564 825
Franza	2 008 001 070
Il-Kroazja	276 679 401
L-Italja	1 355 921 375
Ċipru	23 770 514
Il-Latvja	142 745 173
Il-Litwanja	195 495 162
Il-Lussemburgu	11 626 644
L-Ungerija	384 539 149
Malta	19 334 497
In-Netherlands	129 378 369
L-Awstrija	520 024 752
Il-Polonja	1 004 725 539
Il-Portugall	455 640 620
Ir-Rumanija	967 049 892
Is-Slovenja	110 170 192
Is-Slovakkja	234 975 909
Il-Finlandja	354 551 956
L-Iżvezja	211 889 741
Total EU-27	12 697 426 700
Assistenza teknika	30 272 220
Total	12 727 698 920"

ANNESS II

L-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, il-kolonna għas-sena kalendarja 2021 hija sostitwita b'dan li ġej:

Sena kalendarja	"2021
Il-Belġju	494 926
Il-Bulgarija	788 626
Iċ-Ċekja	848 107
Id-Danimarka	802 001
Il-Ġermanja	4 620 753
L-Estonja	190 715
L-Irlanda	1 186 282
Il-Greċja	1 797 077
Spanja	4 800 590
Franza	6 736 440
Il-Kroazja	364 968
L-Italja	3 628 529
Ċipru	47 648
Il-Latvja	314 055
Il-Litwanja	569 965
Il-Lussemburgu	33 432
L-Ungerija	1 305 715
Malta	5 244
In-Netherlands	661 382
L-Awstrija	677 582
Il-Polonja	3 360 049
Il-Portugall	680 873
Ir-Rumanija	1 891 805
Is-Slovenja	131 530
Is-Slovakkja	417 082
Il-Finlandja	515 713
L-Iżvezja	685 676";

(2) fl-Anness III, il-kolonna għas-sena kalendarja 2021 hija sostitwita b'dan li ġej:

Sena kalendarja	"2021
Il-Belġju	494,9
Il-Bulgarija	789,3
Iċ-Ċekja	847,1
Id-Danimarka	801,3
Il-Ġermanja	4 620,8

L-Estonja	190,7
L-Irlanda	1 186,3
Il-Greċja	1 981,1
Spanja	4 859,1
Franza	6 736,4
Il-Kroazja	365,0
L-Italja	3 622,5
Ċipru	47,6
Il-Latvja	313,8
Il-Litwanja	570,0
Il-Lussemburgu	33,4
L-Ungerija	1 275,5
Malta	5,2
In-Netherlands	661,3
L-Awstrija	677,6
Il-Polonja	3 345,3
Il-Portugall	681,0
Ir-Rumanija	1 891,8
Is-Slovenja	131,5
Is-Slovakkja	415,3
Il-Finlandja	515,7
L-Iżvezja	685,7”